MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 145/2012

Rikors Guramentat Nru. 145 / 12RGM

Kawza fil-lista: 32

**A B**

**vs**

**C D E**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-2 ta' Jannar tas-sena 2009, permezz ta' cerimonja civili gewwa r-Registru taz-Zwieg, l-Belt Valletta, kopja tac-Certifikat taz-Zwieg;

2. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u dana ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew dritt ghall-att taz-zwieg, u dana ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi stante c-cirkostanzi imsemmija iz-zwieg ta' bejn il-kontendendi huwa null u invalidu skond il-Ligi.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex din il-Qorti ma ghandiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg celebrat bejn il-kontendendi fir-Registru Pubbliku fit-2 ta' Jannar, 2009 huwa null u bla effett fil-Ligi ai termini ta' l-Artikoli 19(1) (d) u (f) tal-Kap, 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta’ dokumenti prezentati mill-attur.

Rat ir-risposta guramentata prezentata mill-konvenuta fejn issottomettiet dan li gej:-

1. Illi huwa minnu li l-partijiet izzewgu fit-2 ta' Jannar 2009 f'cerimonja civili u li taqbel li dan iz-zwieg huwa null;

2. Illi z-zwieg taghha mar-rikorrent huwa null pero minhabba diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha da parti ta' l-istess rikorrent u dan kif sejjer jigi pruvat fil-mori tal-kawza;

3. Illi z-zwieg taghha mar-rikorrent huwa null pero minhabba ukoll minhabba li l-kunsens tar-rikorrent huwa vizjat b'eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan kif sejjer jigi pruvat fil-mori tal-kawza;

4. Illi l-esponenti qeghda ukoll tipprezenta flimkien ma’ din ir-risposta id-dikjarazzjoni taghha fir-rigward ic-cirkostanzi tal-kaz;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta.

**Provi**.

Mill-provi mressqa jirrizultaw is-segwenti:-

1. L-attur huwa cittadin Malti filwaqt li l-konvenuta hija cittadina ta’ pajjiz esteru. Il-partijiet izzewgu fit-2 ta’ Jannar 2009 wara li kienu saru jafu l-xulxin fis-sena 2006 minn meta bdew jiltaqghu ghall-perijodi qosra ta’ ftit gimghat sakemm f’april 2008 giet u baqghet Malta sakemm izzewgu.

2. Qabel izzewgu il-komunikazzjonijiet principali bejn il-partijiet kien permezz tal-mezzi digitali.

3. Wara biss hames xhur li kienu mizzewga l-konvenuta siefret lejn pajjiza ghal madwar xahrejn peress li ma setghatx issib xoghol hawn Malta.

4. F'Settembru 2009 irritornat lura Malta u informat lill-attur illi riedet tissepara u li ommha ma kenitx approvat iz-zwieg taghhom.

5. L-attur xhed illi "Really and truly our courtship was based on short spans of days or weeks spread over the times C visited Malta with the result that we had very little time to get to know each other. We contracted marriage too soon when really and truly we should have got to know each other better before actually rushing into a lifetime commitment." Jghid li l-kuncett ta' familja f'mohh il-konvenuta ma kienx bazat fuq fedelta' u lealta' bejn il-koppja.

6. L-attur jghid li dan kien rifless fil-fatt illi kien hu li jiehu hsieb il-bzonnijiet kollha inkluz xiri, tisjir u xoghol fid-dar. Xhed hekk l-attur: "I believe that my wife lacked judgment in what the basic and essential duties of marriage encapsulated. Lack of maturity in understanding married life was very obvious, even in her external behaviours especially during work hours, whereby many a times she spoke freely about metting other men."

7. Il-konvenuta tispjega iz-zmien antecedenti z-zwieg b'dan il-mod: "When I came back we decided to get married and our marriage took place on the 2 of January 2009….the period from when we first met to our marriage we did not know each other well and we did not think about it properly due [to] our feelings we ended up rushing into this marriage. We are both immature to understand each other's needs, appreciate each other and take each other."

8. Il-konvenuta spjegat illi mill-bidu taz-zwieg taghhom l-attur iddecieda li jeskludi lill-konvenuta mix-xiri u kien jaghmel kollox hu. Il-konvenuta tghid li ma setghat tixtri xejn jekk ma tinghatax permess mill-attur.

9. Hija tichad li ma kentix fidila lejn zewgha izda tghid li l-glied kontinwu ta' bejniethom wassalha li wara biss sitt xhur miz-zwieg hija iddecidiet li ma jibqghux jghixu flimkien.

10. Il-konvenuta talbet lill-attur sabiex jaghmlu ftit taz-zmien jghixu 'il boghod minn xulxin u jitolbu l-assistenza professjonali ta' psikologu izda l-attur irrifjuta u qabad hwejgu u telaq lura id-dar tal-genituri tieghu. Tikkonkludi x-xhieda taghha billi tghid: "In my opinion

marriage is about trust and respect for each other, but this had been missing from my husband's side all throughout our marriage."

**Konsiderazzjonijiet**.

**L-artikolu 19 (1) (d) tal-Att Dwar iz-Zwieg**, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi zwieg huwa null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

**Artikolu 19 (1) (f) tal-Att** jipprovdi illi zwieg huwa wkoll null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Ikkunsidrat;

Ezami tal-provi imressqa juri minghajr ebda ekwivoku li l-artikolu 19 (1) (f) fuq citat ma hux applikabbli ghall-kaz in dizamina. Dan is-sub inciz qed jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizzjoni li ghalkemm kien ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg, huwa kien qed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Dan is-sub inciz qed jirreferi ghal dawk is-sitwazzjonijiet fejn wiehed ma jkollux intenzjoni li jizzewweg izda jkun qed jersaq ghac-celebrazzjoniji taz-zwieg sabiex jilhaq xi ghan ulterjuri, per ezempju iz-zwigijiet ta' konvenjenza sabiex dak li jkun jottjeni passaport Malti. Fil-fehma tal-Qorti ma ngabu l-ebda provi li jindikaw li xi hadd mill-partijiet kien qed jersaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg b'dan l-animu. Ghalhekk il-premessa imsejsa fuq is-sub inciz (f) fuq citat ma treggiex.

Ikkunsidrat;

Fir-rigward tal-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** jinghad illi biex l-azzjoni attrici tirnexxi ab bazi tas-sub inciz (d) trid qabel xejn issir il-prova li l-kunsens tal-partijiet, jew ta' wiehed jew

wahda minnhom, kien vizzjat **b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mezzewga**.

Gie diversi drabi ritenut li d-decizzjoni li wiehed jizzewweg tirrikjedi qabel xejn li wiehed jaghmel apprezzament ta' xi jfisser li wiehed jghix hajja mizzewga, bid-drittijiet u l-obbligi li tali decizzjoni timporta.

Ghalhekk huwa imperativ li dwar x'inhuma d-drittijiet u l-obbligi ta' koppja mizzewga wiehed ihares lejn il-ligi civili kif regolat permezz tal-Kodici Civili.

Fl-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta insibu elenku tal-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg.

Proprju fl-ewwel artikoli ta' dan il-Kodici, intitolat "**Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin**" jinghad hekk:

*"2. (1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita' tal-familja.*

*(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbiltajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.*

*3. Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hilha taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigiet tal-familja"*

Ikkunsidrat;

**Gurisprudenza**.

Il-gurisprudenza nostrana konstantement qieset l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta’ ordni pubbliku li jehtieg is-salvagwardji misthoqq. Talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li tnejn li resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma izzewgu xejn tehtieg li tigi sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment necessarju li effettivament zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit impost bil-ligi. Kif sostniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet “**Anna Tonna vs. Alexander Tonna**” deciza fis-6 ta’ Novembru 1991:-

“F’materja ta’ żwieg illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-oħra tammetti u b’hekk jirrendu ż-żwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabbilta’ ta’ xi kolliżjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriccożament wara xi żmien ta’ żwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iż-żwieg u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerggħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament ragunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieg għandu jigi annullat pero’ dan ma għandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta’ dak jew l-ieħor

.

Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta cara u mingħajr dubju.”

F’sentenza ohra moghtija wkoll mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet “**Joseph B vs Bernardette B**” (27 ta’ Jannar, 2006) jinghad hekk:

“Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fundamentali fil-ligi civili u cioe’ li ż-żwieg bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta’ kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfacenti ta’ l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cjoe’ li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.”

Ikkunsidrat;

Il-Gurisprudenza nostrana fir-rigward ta’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju hi fis-sens illi mhux kwalunkwe stat ta’ immaturita’ fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku jwassal ghall-annullament taz-zwieg. Ghalhekk wiehed irid jistaqsi: kien hemm <u>difett serju</u> ta’

diskrezzjoni ta’ gudizzju fil-kunsens ta’ xi hadd mill-partijiet li jirrendi l-kunsens moghti invalidu ghall-finijiet tal-ligi?

Fis-sentenza fuq citata “**B vs. B”** il-Qorti tal-Appell kompliet tiddikjara:-

-

“Illi rigward id-dispożizzjoni kontenuta fis-sub-inċiż (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirriżulta jkun jeħtieg li jigi ppruvat sodisfacentement li ż-żewg partijiet jew waħda minnhom fil-mument ta’ l-għoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iż-żwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-ħajja miżżewga jew id-dritt għall-att taż-żwieg u din l-esklużjoni tkun saret b’att pożittiv tal-volonta’ ta’ dik il-parti. Huwa evidenti li din id-dispożizzjoni tirravviża sitwazzjoni ta’ simulazzjoni u għandu jigi enfasiżżat li nullita’ ta’ żwieg bażata fuq il-kawżali ta’ simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawżali bażata fuq nullita’ ta’ żwieg minħabba nuqqas ta’ esklużjoni ta’ gudizzju. L-inkompatibbilta’ bejn dawn iż-żewg kawżali toħrog mill-fatt li n-nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju timplika inkapacita’ li wieħed jagħraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawżali tas-simulazzjoni teħtieg li jkun hemm tali kapacita’ intelletwali, proprju l-att pożittiv tal-volonta’ li jwassal għas-simulazzjoni, totali jew parzjali.”

Issir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet “**Mario Mizzi vs Maris Mizzi**” deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta’ Novembru 2005 li:-

“Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita’ psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta’ ta’ l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.”

Fuq it-tema tal-validita’ ta’ kunsens moghti issir referenza wkoll ghal decizzjoni moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kawza “**Lawrence Attard vs George Attard**” deciza fit-30 ta’ Gunju 2011 fejn gie dikjarat illi: “Il-kapacita’ hija r-regola; l-inkapacita’ l-eccezzjoni…………Biex persuna tkun kapaci ma hemmx bzonn li jkun pefettament u rigorozament san minn mohhu; bizzejjed l-uzu tar-raguni li tippermetti li jkun jaf x’inhu jaghmel”.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia**" deciza fit-28 ta' Lulju 1987:-

"Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett……….Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament".

Fis-sentenza "**Alessandra sive Sandra Mc Monagle gia' Mamo vs Mario Mao**" deciza mill-Prim' Awla fl-20 ta' Ottubru 2000 gie dikjarat illi:-

"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritiko estimattiva jew kritko valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett:.

Ikkunsidarat,

Minn ezami tal-provi mressqa jirrizulta illi hames xhur biss wara z-zwieg tal-partijiet il-konvenuta siefret lejn il-pajjiz tal-origini taghha fuq il-pretest li hawn Malta ma sabitx xoghol. Dan mhux komportament kompatibbli ma' persuna li dahlet ghal zwieg konsapevoli tad-dmirijiet li jimporta mieghu iz-zwieg. Tghid li dan il-pass ghamlitu ghaliex ma kelliex is-sostenn la tal-konvenut u lanqas tal-familja tieghu. Il-prossimita' ta' dan l-avveniment mid-data tat-tieg hija turija li dan kien zwieg mibni fuq ir-ramel fejn ma' l-ewwel disgwid il-konvenuta qabdet it-triq u irritornat lejn pajjizha. Ghalkemm il-konvenuta titfa it-tort ta' din id-decizzjoni fuq l-attur, hija l-fehma konsiderata tal-Qorti illi tali azzjoni issostni t-tezi tal-attur illi l-konvenuta kienet inkapaci fil-mument taz-zwieg li tikkomprendi is-sinfikat veru u proprju tal-hajja mizzewga u l-obbligi li jgib mieghu.

L-attur jilmenta wkoll illi mill-bidunett tal-hajja mizzewga l-konvenuta abdikat mill-obbligi taghha ta' mara mizzewga billi ma kienet terfa xejn mid-doveri li timporta hajja komuni u kienet thalli kollox f'idejn l-attur inkluz li jiehu hsieb id-dar. Il-konvenuta tirribatti dan billi filwaqt li tammetti li ma kenitx tiehu hsieb il-bzonnijiet tad-dar, tghid li dan il-komportament taghha kien dovut ghall-fatt li l-attur ma kien joghgbu xejn dak li taghmel hi. Dak li xhedet

il-konvenuta ma hux verosimili ghaliex jekk verament riedet issalva iz-zwieg, kif tghid fl-affidavit taghha, wiehed kien jistenna li l-komportament taghha jkun differenti.

Jirrizulta illi meta l-konvenuta irritornat lura Malta hija mill-ewwel avzat lill-attur illi riedet li jinfirdu. Dan kien biss seba’ xhur wara l-jum tat-tieg li xahrejn minnhom il-konvenuta ghamlithom lura f’pajjizha.

Mill-banda l-ohra, ghalkemm l-attur jargumenta li z-zwieg tal-partijiet kien null esklussivament ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta, il-provi juru wkoll illi l-attur ma dahalx ghal dan iz-zwieg bil-hsieb li jaqsam hajtu mal-konvenuta. Fil-ftit xhur li ghamlu flimkien tista’ tghid li mill-bidunett qatt ma kien hemm armonija bejniethom. L-attur kien jahbi mill-konvenuta dak li jaqla filwaqt li kien jircevi minghandha sebghin fil-mija tal-paga taghha u jghidilha li qed ipoggihom go kont bankarju li dwaru qatt ma taha informazzjoni. Meta kienet urietu li xtaqet it-tfal huwa kien jirrispondi li ma kienx il-mument tajjeb. Sahansitra kien oggezzjona ghall-hsieb tal-konvenuta li issegwi kors ta’ studju filwaqt li hu kien qed jahdem u jistudja. Attegjament totalment kuntrarju ghal dak li suppost il-hajja mizzewga timporta.

Il-fatt li dan kollu immanifesta ruhu fl-ewwel ftit xhur minn wara l-jum tat-tieg tal-partijiet huwa indikativ illi l-kunsens taz-zewg partijiet, u mhux biss ta’ wahda jew l-iehor, kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha fit-termini tal-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici:-

1. Tiddikjara li z-zwieg civili ikkuntrattat bejn il-partijiet fit-tnejn (2) ta’ Jannar elfejn u disgha (2009) huwa null u bla effett ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) tal-Att dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tordna sabiex issir l-annotazzjoni relativa fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------